Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

28 ta' Diċembru, 2007

**ATT Nru. XXX ta' l-2007**

*ATT biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet u biex jagħmel provvedimenti dwar affarijiet anċillari magħhom jew li għandhom x'jaqsmu magħhom*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2007 li Jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**Taqsima I**

**Emenda ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni.**

Emenda ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni. Kap. 49.

**2.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "apparat għar-riċezzjoni tax-xandir" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "apparat" tfisser kull apparat intiż għar-radjokomunikazzjoni u tinkludi kull parti komponenti ta' apparat bħal dak;" ; u

(b) minnufih qabel it-tifsira "Malta" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "dan l-Att" tinkludi r-regolamenti kollha magħmulin taħt dan l-Att;

"awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser il-qafas stabbilit b'dan l-Att jew taħtu u li jistipula d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' persuni li jkunu qegħdin jużaw jew li jkollhom fil-pussess tagħhom xi apparat ta' radjokomunikazzjoni bħal dak li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien u skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att isemmi b'ordni fil-Gazzetta bħala koperti b'awtorizzazzjoni ġenerali;

"liċenza" tfisser liċenza individwali maħruga skond dan l-Att u tinkludi kull awtorizzazzjoni ġenerali tkun kif tkun deskritta li tkun tapplika fir-rigward ta' xi apparat ta' radjokomunikazzjoni, skond ma jista' jiġi provdut taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 2A ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 2A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5) tiegħu;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tista' toħroġ kull awtorizzazzjoni ġenerali li tkun tirrigwarda apparat ta' radjokomunikazzjoni skond ma l-Ministru jista'

minn żmien għal żmien b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi li jkun kopert minn dik l-awtorizzazzjoni ġenerali:

Iżda kull dritt li jista' jitħallas fir-rigward ta' awtorizzazzjoni ġenerali bħal dik għandu jiġi stabbilit mill-Ministru:

Iżda wkoll il-fakoltà li tinħareġ awtorizzazzjoni ġenerali għandha tinkludi l-fakoltà li jiġu emendati d-drittijiet, kundizzjonijiet u speċifikazzjonijiet dikjarati f'awtorizzazzjoni ġenerali bħal dik.

(3) Meta tkun qegħda tinħareġ jew tiġi emendata awtorizzazzjoni ġenerali l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandha l-ewwel tippubblika dikjarazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni ġenerali proposta jew ta' l-emendi li jkun sejrin isiru fiha, hekk li l-partijiet interessati jingħataw l-opportunità li jikkummentaw fuq l-awtorizzazzjoni ġenerali proposta jew l-emendi li jkunu sejrin isiru fiha sa terminu li l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni tqis li jkun raġonevoli.

(4) L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandha tiżgura li kull awtorizzazzjoni ġenerali jew l-emendi li jkunu sejrin isiru fiha jingħataw pubbliċità."; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minnufih wara l-kliem "skond is-subartikolu (1)" għandhom jiżdiedu l-kliem "u, jew kull tismija li ssir b'ordni skond is-subartikolu (2)".

**5.** L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (11) ebda persuna m'għandha, mingħajr ma jkollha liċenza individwali mogħtija bil-miktub mill-Ministru, tagħmel, tixtri, tbiegħ jew ikollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha ebda apparat.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (11) ebda persuna m'għandha tbiegħ jew tagħti apparat lil xi persuna li ma tkunx kisbet liċenza individwali kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Il-Ministru jista' jeħtieġ lil kull persuna li:

(a) jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi apparat li jkun jikkontravjeni d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u, jew ta' xi kundizzjonijiet tal-liċenza li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat, jew

(b) tkun qegħda tuża jew tippermetti li dak l-apparat jiġi użat fuq frekwenzi mhux awtorizzati,

li tieqaf mill-użu ta' apparat bħal dak u, jew jeħtieġ lil dik il-persuna tikkonsenja l-apparat lill-Ministru:

Iżda l-Ministru jista' jeleva u jżomm apparat bħal dak u, jew jara li l-użu ta' apparat bħal dak ikun ristrett b'kull mod , taħt dawk il-kundizzjonijiet u għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Ministru jista' jispeċifika meta jkun jirriżulta lill-istess Ministru li dak l-apparat ikun qiegħed jiġi użat b'kontravenzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi kundizzjonijiet tal-liċenza li jistgħu jkunu japplikaw fir-rigward ta' dak l-apparat:

Iżda wkoll l-ispejjeż kollha li l-Ministru jagħmel fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan is-subartikolu inklużi dawk li jagħmel meta jeleva, iżomm jew iqiegħed f'post ta' ħżin, ikun kif ikun dan kollu deskritt, dak l-apparat, għandhom jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Ministru mingħand kull persuna li taġixxi b'kontravenzjoni ta' dan l-artikolu.";

(b) is-subartikoli (2) sa (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (4) sa (8) rispettivament;

(ċ) minflok is-subartikolu (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew jaġixxi b'kontravenzjoni ta' xi pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet, ikunu kif ikunu deskritti, li jkunu jinsabu fil-liċenza, jkun ħati ta' reat kontra din it-Taqsima ta' dan l-Att."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(9) M'hi meħtieġa ebda liċenza għal riċevituri tax-xandir li jkunu għas-smigħ biss.

(10) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, jeżenta b'ordni fil-Gazzetta lil ċertu kategoriji ta' apparat mill-ħtiġiet ta' dan l-artikolu.

(11) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' apparat li jkun regolat b'awtorizzazzjoni ġenerali maħruġa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att." .

**6.** Minnufih wara l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' l-artikolu 3A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Infurzar.

3A. (1) Persuna li tkun debitament awtorizzata mill-Ministru biex taġixxi f'ismu meta tkun qegħda teżerita xi setgħa taħt dan l-Att, għandha, jekk tintalab tagħmel dan minn persuna konċernata, turi lil dik il-persuna sabiex din tkun tista' tispezzjonah ċertifikat maħruġ mill-Ministru fejn ikun hemm dikjarat li hija tkun debitament awtorizzata taġixxi għal u f'isem il-Ministru.

(2) Fil-kors ta' l-eżerċizzju ta' xi setgħa taħt dan l-artikolu, il-Ministru jista' jitlob għall-assistenza tal-Pulizija.

(3) Id-diretturi u l-*managers*, ikun x'ikun it-titlu li jkollhom, jew kull persuna oħra li tkun jew li kienet responsabbli għall-operazzjonijiet jew l-attivitajiet li jinkwadraw taħt il-funzjonijiet ta' sorveljanza jew dawk regolatorji tal-Ministru, għandhom jassistu u jikkollaboraw mal-Ministru sabiex huwa jkun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, u għandhom jiġbru u jibagħtu bla ebda dewmien dik l-informazzjoni u dawk id-dokumenti li l-Ministru jista' raġonevolment jitlob minn żmien għal żmien.

(4) Kull min ifixkel, jimpedixxi jew jattakka lil xi persuna debitament awtorizzata mill-Ministru biex taġixxi f'ismu fl-eżerċizzju ta' xi setgħa taħt dan l-Att, jew jonqos jew jirrifjuta milli jħares xi ħtieġa taħt dan l-Att ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

**7.** Il-proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Emenda ta' l-arikolu 11 ta' l-Att prinipali.

"Iżda l-Ministru jista', minkejja id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, joħroġ liċenzja jew numru ta' liċenzji provizorji li l-perjodu tagħhom flimkien ma jistax jeċċedi d-disa' xhur, ma' l-ewwel reġistrazzjoni ta' bastiment taħt il-bandiera Maltija, f'dawk iċ-ċirkostanzi u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jqis li jkunu xierqa.".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**8.** L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "protett jew kontrollat;" għandhom jidħlu dawn l-kliem "protett jew kontrollat, u fil-każ ta' apparat li jkun ġie elevat skond l-artikolu 3 ta' dan l-Att, il-mod kif dan isir minnu u, jew kif isir il-ħżin ta' apparat bħal dak;";

(b) il-paragrafi (ċ) u (d) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (e) u (f) rispettivament;

(ċ) minnufih qabel il-paragrafu (d) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ċ) l-imposizzjoni ta' penali amministrattivi fuq kull persuna li taġixxi b'kontravenzjoni ta' dan l-Att iżda dawk il-penali m'għandhomx ikunu ta' iżjed minn għaxart elef lira għal kull kontravenzjoni u, jew mitejn lira għal kull ġurnata li matulha tibqa' għaddejja dik il-kontravenzjoni;

Iżda:

(i) il-proċedura għall-imposizzjoni ta' dawk il-penali amministrattivi għandha tkun tippermetti li jkun rispettat id-dritt ta' smigħ qabel ma jiġu imposti dawk il-penali;

(ii) il-proċedura għall-imposizzjoni u l-kontestazzjoni ta' dawk il-penali għandha tkun dik stabbilita għar-rigward ta' penali imposti mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni taħt Taqsima VII u Taqsima VIII ta' l-Att għat Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni, u d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att u tar-regolamenti kollha magħmulin taħtu għar-rigward ta' kull proċedura bħal dik għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal penali amministrattivi imposti mill-Ministru taħt dan l-Att b'tali mod li kull referenza għall-Awtorità ta' Malta dwar il-

Kap. 418.

Kommunikazzjoni għandha tiftiehem bħala referenza għall-Ministru;

(iii) fil-każijiet kollha fejn il-Ministru jimponi multa amministrattiva għar-rigward ta' kull ma sar jew naqas milli jsir minn xi persuna u dak l-att jew dik l-ommissjoni jkunu wkoll jikkostitwixxu reat kriminali, ma jistgħu jinbdew jew jitkomplew ebda proċeduri kontra dik il-persuna għar-rigward ta' dak ir-reat kriminali;

(d) kull dritt u, jew ħlas, ikunu kif ikunu dawn deskritti, li jistgħu jitħallsu fir-rigward ta' xi ħaġa li tkun regolata b'dan l-Att.";

(d) fil-paragrafu (e) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "li għandhom x'jaqsmu ma' *standards* f'Malta." għandhom jidħlu l-kliem "li għandhom x'jaqsmu ma' *standards* f'Malta:"; u

(e) wara l-paragrafu (e) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan li ġej:

"Iżda l-Ministru jista', meta jkun qiegħed jagħmel regolamenti taħt dan l-artikolu li jkolhom x'jaqsmu ma' *standards*, speċifikazzjonijiet jew affarijiet ta' xorta għal kollox teknika, jagħmel dawk ir-regolamenti bl-ilsien Ingliż biss.".

**9.** L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem "sigurtà pubblika jew ħtiġiet ta' protezzjoni ċivili." għandhom jidħlu il-kliem "sigurtà pubblika jew ħtiġiet ta' protezzjoni ċivili:"; u

(b) wara l-kliem "sigurtà pubblika jew ħtiġiet ta' protezzjoni ċivili:" għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda il-Prim Ministru jista' meta jkun qed jagħmel ordni taħt dan l-artikolu, jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jista' jqis li jkunu adatti. Meta jkun qiegħed jimponi kundizzjonijiet bħal dawk il-Prim Ministru għandu jikkonsulta lill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.".

**10**. Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2007 li Jemenda diversi Disposizzjoni transitorja.

Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni, għandhom jibqgħu japplikaw għar-rigward ta' kull ma sar jew naqas milli jsir minn xi persuna qabel dak il-bidu fis-seħħ tat-Taqsima I ta' dak l-Att.

## Taqsima II

## Emenda ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali

Emenda ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali. Kap. 254.

**11.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Servizzi Postali, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar is-Servizzi Postali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**12.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "Awtorità" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "dan l-Att" tinkludi r-regolamenti kollha magħmulin taħt dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra;".

(b) minnufih qabel it-tifsira "distribuzzjoni" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "deċiżjoni" tinkludi kull determinazzjoni, direzzjoni, miżura, ħtieġa jew speċifikazzjoni, tkun kif tkun deskritta, li ssir mill-Awtorità";

(ċ) fit-tifsira "oġġett postali", minflok il-kliem "perjodiċi u pakki postali" għandhom jidħlu il-kliem "perjodiċi u *parcels* postali, ikunu kif ikunu dawn deskritti, inklużi pakki;".

Sostituzzjoni ġenerali fl-Att prinċipali.

**13.** Minflok il-kliem "pakk" u "pakki" kull fejn dawn jinsabu fl-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "*parcel*" u "*parcels*" rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

**14.** Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) L-Awtorità tista', meta tkun qegħda tistabbilixxi *standards* ta' kwalità ta' servizz taħt dan l-artikolu, tadotta dawk il-miżuri li hija tqis li jkunu adatti għar-rigward ta' nuqqas ta' konformità ma' tali *standards* mill-provditur ta' servizz universali. Dawk il-miżuri jistgħu jkunu jinkludu li l-provditur ta' servizz universali jenħtieġ iħallas dawk il-penali amministrattivi li l-Awtorità tista' tistabbilixxi skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.".

**15.** Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "kull min jikser jew jonqos milli jħares xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin jew direttivi mogħtijin taħtu" għandhom jidħlu l-kliem "kull min jikser jew jonqos milli jħares xi disposizzjoni ta' dan l-Att". Emenda ta' l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali.

**16.** Minnufih wara l-artikolu 76 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 76A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Ħruġ ta' direttivi u multi amministrattivi. Kap. 418.

76A. (1) L-Awtorità tista' skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4(6) u (7) ta' l-Att għat Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni, toħroġ dawk id-direttivi li l-Awtorità tqis li jkunu meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att u skond id-disposizzjonijiet tiegħu.

(2) Kull operatur postali li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi direttiva jew deċiżjoni, ikunu kif ikunu dawn deskritti, maħruġa mill-Awtorità, tkun tista' tiġi imposta fuqu mill-Awtorità multa amministrattiva ta' mhux iżjed minn ammont ta' għaxart elef lira u, jew mitejn lira għal kull ġurnata li matulha ma jiġux osservati l-ħtiġiet ta' xi deċiżjoni jew direttiva bħal dik sa kemm tibqa' tippersisti in-nuqqas ta' konformita.".

**17.** Fil-proviso ma' l-artikolu 81(2)(k) ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-ammont ta' ħamest elef lira għal kull reat" għandhom jidħlu l-kliem "l-ammont ta' għaxart elef lira għal kull reat". Emenda ta' l-artikolu 81 ta' l-Att prinċipali.

**18.** Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali, kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2007 li Jemenda diversi Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni, għandhom jibqgħu japplikaw għar-rigward ta' kull ma sar jew naqas milli jsir minn xi persuna qabel dak il-bidu fis-seħħ tat-Taqsima II ta' dak l-Att. Disposizzjoni transitorja.

## Taqsima III

Emenda ta' l-Att dwar ix-Xandir.
Kap. 350.

**19**. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ix-Xandir, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar ix-Xandir, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda ta' l-artikolu 16B ta' l-Att prinċipali.

**20.** L-artikolu 16B ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali li hemm ma' l-artikolu, minflok il-kliem "Radju diġitali." għandhom jidħlu l-kliem "Regolamentazzjoni ta' xandir fuq *networks*.";

(b) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "is-servizzi tar-radju diġitali" għandhom jidħlu l-kliem "in-*networks*";

(ċ) is-subartikolu (2) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "liċenza ta' radju diġitali tax-xandir" kull fejn jinsabu fis-subartikolu għandhom jidħlu l-kliem "liċenza ta' servizz ta' xandir fuq *network*", u fl-aħħar paragrafu tas-subartikolu minflok il-kliem "servizz ta' radju diġitali" għandhom jidħlu l-kliem "servizzi ta' xandir fuq *network*";

(ii) minflok il-kliem "liċenza diġitali tax-xandir" fil-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "liċenza ta' servizz ta' xandir fuq *network*";

(iii) minflok il-kliem "liċenzi ta' radju diġitali tax-xandir" fil-paragrafu (j) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "liċenzi ta' servizz ta' xandir fuq *network*;";

(d) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "*network*" tfisser kull *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u kull servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.".

Kap. 399.

## Taqsima IV

## Emenda ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi

**21.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Kap. 399.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

**22.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ. Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**23.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ. Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**24.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ. Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**25.** Is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**26.** Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar. Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**27.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ. Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**28.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ. Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**29.** Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (5). Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

**30.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar, u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ.

Tħassir ta' l-artikoli 24 sa 26 ta' l-Att prinċipali.

**31.** L-artikoli 24 sa 26 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali.

**32.** Fil-paragrafu (k) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jordnaw x'miżuri għandhom jittieħdu minn xi persuna" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jipprovdu għal obbligi dwar iż-żamma ta' *data*, u għar-regoli dwar l-aċċess mill-Awtorità u mill-Pulizija għal *data* li tinżamm minn impriżi, u jordnaw x'mizuri għandhom jittieħdu minn kull persuna.".

Żjieda ta' l-artikolu 35A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**33.** Minnufih wara l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.

35A. Kull min permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika:

(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew

(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaga oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn mitejn lira għal kull jum li matulu jkompli r-reat.".

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**34.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "taħt l-artikolu 27 jew taħt l-artikolu 35(1)(d)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt l-artikolu 27, taħt l-artikolu 35(1)(d) jew taħt l-artikolu 35A.".

Emenda ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali.

**35.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 43 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "jeżenta mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att" għandhom jidħlu il-kliem "jeżenta minn kull disposizzjoni ta' dan l-Att u mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti kollha magħmulin taħtu".

Disposizzjoni transitorja.

**36**. Id-disposizzjonijiet ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-

2007 li Jemenda diversi Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni, għandhom jibqgħu japplikaw għar-rigward ta' kull ma sar jew naqas milli jsir minn xi persuna qabel dak il-bidu fis-seħħ tat-Taqsima III ta' dak l-Att.

## Taqsima V

## Emenda ta' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

**37.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.
Kap. 418.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

**38**. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "Awtorità" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni inkluża kull awtorizzazzjoni ġenerali, liċenza, dritt ta' użu jew permess, ikun kif ikun deskritt, li persuna jista' jkollha jew tingħata taħt kull liġi li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza jew tamministra;";

(b) minnufih wara t-tifsira "komunikazzjoni" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea;"; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira "uffiċjal pubbliku" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "utent" tinkludi lil kull persuna li tuża jew titlob li tingħata xi servizz ta' komunikazzjoni.".

**39.** Fis-subartikolu (9) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att" għandhom jidħlu il-kliem "għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u ta'

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

kull liġi oħra li tirrigwarda materji ta' kompetizzjoni u, jew affarijiet li jirrigwardaw lill-konsumatur,".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

**40**. Minnufih wara s-subartikolu (9) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10) Ebda ħaġa f'dan l-Att m'għandha tiftiehem bħala li tirriżulta jew li qatt irriżultat fin-nullità jew fl-invalidità ta' xi deċiżjoni jew direttiva magħmula mill-Awtorità f'xi żmien li matulu xi wieħed jew aktar mid-Direttorati ma kienx imwaqqaf.".

Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

**41.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (ċ), (d) u (e) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (d), (e) u (f);

(b) minufih qabel il-paragrafu (d) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) tneħħi u żżomm dawk il-kotba, dokumenti jew *records* għal dak il-perjodu skond ma jista' jkun raġonevoli għal aktar eżamijiet;"; u

(ċ) fil-paragrafu (f) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tagħmel dawk l-ispezzjonijiet," għandhom jidħlu il-kliem "tagħmel dawk l-ispezzjonijiet inklużi ispezzjonijiet li jsiru fuq il-post sabiex l-Awtorità tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha skond il-liġi u meta tkun qegħda hekk taġixxi l-Awtorità tista' wkoll tagħmel".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 31 sa 33 ta' l-Att prinċipali.

**42**. Minflok l-artikoli 31 sa 33 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn l-artikoli li ġejjin:

"Sanzjonijiet oħra li l-Awtorità tista' timponi.

31. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra taħt dan l-Att jew kull liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza, l-Awtorità tista' tieħu dawn il-miżuri li ġejjin għar-rigward ta' kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza, jew li tonqos milli tħares xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità:

(a) timponi multa amministrattiva skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u l-artikoli 32 u 33; u

(b) f'dawk il-każijiet fejn l-Awtorità tqis li l-persuna tkun kisret b'mod ripetut u serju xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza, jew xi deċiżjonijiet jew direttivi ta' l-Awtorità, l-Awtorità tista' tirtira jew tissospendi d-dritt li tipprovdi servizzi jew *networks* regolati b'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza.

(2) Fil-każijiet kollha fejn l-Awtorità timponi multa amministrattiva għar-rigward ta' xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir minn xi persuna u dak l-att jew dik l-ommissjoni jkunu wkoll jikkostitwixxu reat kriminali, ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew ebda proċeduri kontra dik il-persuna għar-rigward ta' dak ir-reat kriminali.

Proċedura meta tkun qegħda tittieħed miżura taħt l-artikolu 31.

32. (1) l-Awtorità għandha qabel ma tgħaddi biex tieħu xi waħda mill-miżuri taħt l-artikolu 31 tikteb lill-persuna in kwistjoni, fejn tgħarrfu bil-miżura li tista' tittieħed u r-raġuni speċifika għaliex din tista' tittieħed, fejn huwa jinħtieġ isewwi l-atti jew l-ommissjonijiet tiegħu u, jew li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Awtorità:

Kap. 399.

(a) fi żmien dak il-perjodu li ma jkunx wieħed inqas minn tletin ġurnata f'każ ta' xi ksur ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu;

(b) fi żmien dak il-perjodu li ma jkunx inqas minn ħmistax il-ġurnata fir-rigward ta' kull ksur ieħor li għalih ma japplikax il-paragrafu (a), u dak il-perjodu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, jista' jitqassar jekk il-kontinwazzjoni tal-ksur ikollu impatt negattiv fuq il-qadi effettiv mill-Awtorità tal-funzjonijiet regolatorji tagħha:

Iżda meta l-miżura tkun multa amministrattiva, il-persuna involuta għandha wkoll tiġi mgħarrfa bl-ammont tal-multa:

Iżda wkoll meta tkun qegħda toħroġ avviż taħt dan is-subartikolu, l-Awtorità tista' timponi kundizzjonijiet bħal dawk li hija tista' tqis li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

(2) Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-kontravenzjoni fil-perjodu stabbilit mill-Awtorità skond is-

subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li timxi mal-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi, l-Awtorità għandha tieqaf milli tkompli tmexxi aktar kontriha.

(3) Jekk wara li jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) l-Awtorità tqis li l-persuna involuta ma tkun tat ebda raġuni valida biex turi għaliex ebda miżura m'għandha tittieħed kontrih, l-Awtorità għandha tagħti avviż bil-miktub lill-persuna involuta fejn tispeċifika n-natura tal-kontravenzjoni, tiddikjara xi tkun il-miżura li tkun qegħda tittieħed, u jekk il-miżura tkunx multa amministrattiva, fejn jiġi dikjarat l-ammont tal-multa li tkun qegħda tiġi imposta.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), meta l-Awtorità jkollha prova *prima facie* li l-kontravenzjoni -

(a) tkun tirrappreżenta theddida immedjata u gravi għas-sigurtà pubblika, is-sikurezza pubblika jew is-saħħa pubblika; jew

(b) toħloq jew tista' toħloq problemi ekonomiċi jew operattivi gravi għal provdituri oħra ta' servizzi ta' komunikazzjoni jew *networks*, jew għall-konsumaturi,

l-Awtorità tista' tieħu miżuri temporanji biex tirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma tasal għal deċiżjoni finali inkluża l-imposizzjoni ta' multi amministrattivi, u, jew tista' tqassar il-perjodu ta' tletin ġurnata msemmi fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1):

Iżda l-persuna li kontriha dawk il-miżuri jkunu kontemplati, għandha tingħata opportunità raġonevoli tiddikjara x'inhi l-fehma tagħha u tipproponi kull rimedju possibbli.

(5) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (3), wara li jgħaddi t-terminu għall-appell minnu, għandu, meta tiġi notifikata kopja tiegħu permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna indikata fl-avviż, tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għal kull effett u għan tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Iżda jekk il-persuna li kontriha jinħareġ l-avviż, tippreżenta appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli matul il-

perjodu ta' tletin ġurnata imsemmija taħt l-artikolu 38, u flimkien ma' jew qabel ma tippreżenta l-appell tagħha, titlob lill-Bord ta' l-Appelli jissospendi l-effetti ta' l-avviż, allura l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ l-att ġudizzjarju imsemmi f'dan is-subartikolu sa dak iż-żmien li t-talba għas-sospensjoni tkun ġiet deċiża, irtirata jew xort'oħra trattata:

Iżda wkoll il-Bord ta' l-Appelli għandu jiddeċiedi kull talba għal sospensjoni msemmija f'dan is-subartikolu kemm jista' jkun malajr. Qabel ma tiġi deċiża xi talba bħal dik, il-Bord ta' l-Appelli għandu jagħti lill-Awtorità opportunità raġonevoli li twieġeb u tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha.

(6) Ir-rati ta' mgħax bit-tmienja fil-mija fis-sena għandhom jibdew għaddejin mid-data stabbilita mill-Awtorità għall-ħlas ta' xi multa amministrattiva imposta minnha skond dan l-Att. F'dawk il-każijiet fejn il-Bord ta' l-Appelli jew il-Qorti ta' l-Appell, skond il-każ, wara li jkunu laqgħu rikors għas-sospensjoni tal-multa sakemm ikunu għadhom għaddejin il-proċeduri, finalment jiddeċidu li l-multa tkun dovuta, dik il-multa għandha tkun dovuta flimkien ma' kull imgħax fuq dik il-multa mid-data oriġinarjament stabbilita mill-Awtorità għall-ħlas, inkluż il-perjodu li matulu l-ħlas ta' dik il-multa kien sospiż.

(7) L-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għal kull deċiżjoni li hija tieħu taħt dan l-artikolu.

(8) Minkejja id-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni m'għandhom jiġu maħruġa minn xi qorti biex iżommu lill-Awtorità mill-eżerizzju ta' xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha taħt dan l-artikolu.

L-ammont tal-multa amministrattiva.

33. (1) Meta tiġi imposta multa amministrattiva din m'għandhiex, kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra b'dan l-Att jew taħtu, teċċedi mija u ħamsin elf lira għal kull kontravenzjoni jew nuqqas ta' konformità jew ħamest elef lira għal kull ġurnata ta' kontravenzjoni jew nuqqas ta' konformità skond il-każ:

Iżda jekk l-att jew l-ommissjoni li jkunu jikkostitwixxu kontravenzjoni isiru minn xi impriża u l-Awtorità tqis li dak l-att jew dik l-ommissjoni jkollhom effetti li jkunu speċjalment sinifikattivi fis-suq b'detriment għall-kompetituri u, jew il-konsumaturi, l-ammont imsemmi li jista' jiġi impost bħala

multa amministrattiva jista' jiġi miżjud għal dak l-ammont li ma jkunx ta' iżjed minn ħamsa fil-mija tad-dħul totali ta' l-impriża fis-sena kalendarja li taħbat minnufih qabel is-sena meta tkun saret il-kontravenzjoni.

(2) Meta jiġi stabbilit l-ammont ta' multa amministrattiva, għandha b'mod partikolari titqies in-natura u d-daqs tal-kontravenzjoni, għal kemm din iddum u l-impatt tagħha fuq is-suq u l-konsumaturi.

(3) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jistabbilixxi l-penali amministrattivi li jistgħu jiġu imposti mill-Awtorità għal kull ksur ta' dawk ir-regolamenti:

Iżda l-ammont tal-multi li jistgħu jiġu hekk stabbiliti m'għandux ikun ta' iżjed mill-ogħla ammonti msemmija taħt is-subartikolu (1).".

Żjieda ta' l-artikolu 34A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**43.** Minnufih wara l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Limitazzjoni fuq il-provdiment ta' servizzi, *networks* li jipproteġu s-sigurtà pubblika.

34A. (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(a) "awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni, tkun kif tkun deskritta, li persuna jista' jkollha jew li tista' tingħata taħt l-Att;

(b) "azzjonist" tfisser:

(i) fil-każ ta' kumpannija li ma tkunx elenkata fil-Borża ta' Malta jew fuq il-Borża ta' xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, persuna li jkollha xi ammont ta' ishma f'kumpannija;

(ii) fil-każ ta' kumpannija elenkata fil- Borża ta' Malta jew fuq il-Borża ta' xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, persuna li jkollha iżjed minn tnejn fil-mija ta' l-ishma f'kumpannija.

(2) Meta l-Awtorità tkun sodisfatta li:

(a) persuna li jkollha xi awtorizzazzjoni; jew

(b) persuna li tkun segretarju, direttur jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' kumpannija, soċjetà jew xi korp ieħor li jkollu awtorizzazzjoni jew li xort'oħra jkun jeżerċita

kontroll jew influwenza sinifikanti fuq dik il-kumpannija, soċjetà jew korp ieħor; jew

(ċ) persuna li tkun azzjonista ta' kumpannija, soċjetà jew xi korp ieħor li jkollu awtorizzazzjoni,

ma tkunx persuna idonea u adatta biex ikollha xi awtorizzazzjoni jew biex taġixxi f'xi posizzjoni minn dawk imsemmija fil-paragrafi (b) jew (ċ) hawn qabel u l-fatt li dik il-persuna jkollha xi awtorizzazzjoni jew posizzjoni jista' raġonevolment ikun ta' theddida għall-fiduċja pubblika, għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku, l-Awtorità tista' tipprojbixxi lil dik il-persuna jew lil xi kumpannija, soċjetà jew korp ieħor li fihom dik il-persuna jkollha xi posizzjoni bħal dik milli jkollha awtorizzazzjoni.

(3) L-Awtorità tista', għall-fini li taċċerta ruħha jekk persuna msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu tkunx persuna idonea u adatta li jkollha awtorizzazzjoni jew biex taġixxi f'xi posizzjoni msemmija fil-paragrafi (b) jew (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, teħtieġ, f'dak it-terminu li tista' tqis li jkun raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, dik l-informazzjoni u, jew kunsens biex tikseb informazzjoni li l-Awtorità tista' tqis li tkun adatta mingħand persuna bħal dik jew mingħand kull persuna li tkun bi ħsiebha tipprovdi servizz ta' komunikazzjoni u, jew *network* skond l-Att.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu:

(a) kull min jinstab ħati, sew f'Malta sew barra minn Malta, ta' delitt kontra l-fiduja pubblika m'għandux jitqies li jkun persuna idonea u adatta li jkollha awtorizzazzjoni jew biex taġixxi f'xi posizzjoni minn dawk imsemmija fil-paragrafi (b) jew (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu;

(b) kull awtorizzazzjoni li jkollha xi persuna li tinsab ħatja ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika, jew li jkollha xi kumpannija, soċjetà jew korp ieħor li jkollha xi azzjonist jew segretarju, direttur jew xi uffiċjal prinċipal ieħor li jkun instab ħati, sew f'Malta sew barra minn Malta, ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika, jew li fuqha, persuna li tkun instabet ħatja, sew f'Malta sew barra minn Malta, ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika xort'oħra tkun teżerċita kontroll jew influwenza

sinifikanti, m'għandu jkollha ebda effett meta jkun hemm deċiżjoni ta' l-Awtorità li tittieħed wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-fatti rilevanti kollha.".

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**44.** L-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali li hemm miegħu għandhom jiżdiedu l-kliem "Kap. 426"; u

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-Att dwar ix-Xandir jew l-Att dwar is-Servizzi Postali:" għandhom jidħlu il-kliem "l-Att dwar ix-Xandir, l-Att dwar is-Servizzi Postali jew l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi:".

Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

**45.** L-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Persuna li tiġi notifikata b'avviż bil-miktub li jingħata taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 32, tista' fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' dik in-notifika tagħmel appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli li fih toġġezzjona għall-multa amministrattiva li tġi hekk stabbilita."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "kemm-il darba dik il-piena ma tistax skond il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skond il-liġi tiġi mwaħħla fl-ammont stabbilit mill-Awtorità" għandhom jidħlu il-kliem "kemm-il darba jirriżultalha li dik il-piena mhux possibbli skond il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew mhux possibbli skond il-liġi tiġi mwaħħla fl-ammont stabbilit mill-Awtorità".

Enumerazzjoni mill-ġdid tat-Taqsima IX u żieda tat-Taqsima IX ġdida ma' l-Att prinċipali.

**46.** (1) It-Taqsima IX ta' l-Att prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima X u l-artikoli 43 sa 47 għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 45 sa 49 rispettivament.

(2) Minnufih wara t-Taqsima VIII ta' l-Att prinċipali, għandha tiżdied din it-Taqsima IX ġdida li ġejja:-

**"TAQSIMA IX**

**RISOLVIMENT TA' TILWIM**

Tilwim bejn persuni li jkollhom awtorizzazzjoni.

43. (1) Mingħajr ħsara għal dak li jista' jiġi provdut f'xi liġi oħra, fil-każ ta' tilwima li tqum bejn persuni li jkollhom awtorizzazzjoni

u li jkunu stabbiliti f'Malta f'dak li għandu x'jaqsam ma' obbligazzjonijiet li l-persuni għandhom lejn xulxin taħt xi liġi li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza, l-Awtorità għandha, bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, fuq talba ta' xi parti fit-tilwima, tibda investigazzjoni tat-tilwima u, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ, ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Awtorità tqis li jkunu eċċezjonali, fi żmien erba' xhur mid-data meta t-tilwima tkun ġiet notifikata lill-parti fit-tilwima, toħroġ bir-riżultanzi tagħha biex tirrisolvi t-tilwima u tiżgura konformità mal-liġi li tkun tapplika:

Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tiftiehem bħala li tirrestrinġi jew tipprojbixxi lill-Awtorità milli tagħmel b'inizjattiva tagħha stess investigazzjoni ta' xi tilwima li tista' ssir taf biha u li l-Awtorità tkun tal-fehma li għandha tkun investigata.

(2) L-Awtorità tista' tiddeċiedi li ma tibda ebda investigazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) meta hija tkun sodisfatta li jkun hemm modi oħra kif tkun tista' tiġi risolta t-tilwima b'mod opportun disponibbli għall-partijiet jew inkella jekk il-proċeduri legali fir-rigward tat-tilwima jkunu nbdew minn xi parti fit-tilwima.

(3) Meta l-Awtorità tiddeċiedi li m'għandhiex tibda investigazzjoni taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, hija għandha tinforma lill-partijiet b'dik id-deċiżjoni kemm jista' jkun malajr wara dik id-deċiżjoni.

(4) Jekk ir-risolviment tat-tilwima ma jseħħx sa erba' xhur wara d-data tad-deċiżjoni msemmija fis-subartikolu (3) u l-parti li tkun qegħda tfittex li jkollha rimedju ma tkunx bdiet proċeduri legali quddiem il-qrati ordinarji jew quddiem xi forum aġġudikanti kompetenti ieħor, ikun kif ikun dan deskritt, l-Awtorità għandha, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet fit-tilwima, tibda investigazzjoni u tagħti deċiżjoni skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(5) Meta tkun qegħda tagħti deċiżjoni taħt dan l-artikolu, l-Awtorità għandha fir-rigward ta' tilwimiet bejn persuni li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika u, jew *networks*, tikkunsidra l-għanijiet taħt l-artikolu 4 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi. Kap. 399.

(6) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att, persuna li għaliha tkun tapplika deċiżjoni taħt dan l-artikolu għandha, salv id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 42 ta' dan l-Att, minnufih tikkonforma ruħha mad-deċiżjoni. Jekk dik il-persuna tonqos milli tagħmel dan, hija għandha titqies li tkun għamlet kontravenzjoni ta' dan l-artikolu. Il-perjodu ta' nuqqas ta' konformità

għandu jitqies li jkun beda għaddej mid-data meta ssir in-notifika tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità jew minn kull data oħra skond ma tista' tingħata fid-deċiżjoni u dik id-data għandha f'kull każ tkun fid-data jew wara d-data tan-notifika tad-deċiżjoni:

Iżda jekk jirriżulta lill-Awtorità li waħda mill-partijiet f'tilwima tkun kisret id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza, l-Awtorità tkun tista', minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 31 sa 33 ta' dan l-Att.

(7) Meta l-Awtorità tkun qegħda toħroġ deċiżjoni taħt dan l-artikolu hija għandha tiddikjara x'ikunu r-raġunijiet li d-deċiżjoni tkun bażata fuqhom, u għandha, bla ħsara għal dawk il-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali li hija tista' tqis li jkunu adatti, tinnotifika lill-partijiet fit-tilwima b'kopja tad-deċiżjoni.

(8) L-Awtorità għandha tippubblika avviż ta' deċiżjoni mogħtija taħt dan l-artikolu u għandha tindika minn fejn ikunu jistgħu jinkisbu kopji tad-deċiżjoni jew informazzjoni dwarha.

(9) Il-proċedura msemmija f'dan l-artikolu m'għandha tipprekludi lil ebda parti fit-tilwima milli tibda azzjoni quddiem il-qrati jew quddiem xi forum aġġudikanti kompetenti ieħor.

(10) Il-Ministru jista' b'regolamenti jibdel il-perjodi dikjarati fis-subartikoli (1) u (4) ta' dan l-artikolu.

Tilwimiet li jinvolvu lill-konsimaturi.

44. (1) Meta tqum tilwima, tkun kif tkun deskritta, bejn persuna li jkollha awtorizzazzjoni u xi utent wara li jkun sar ilment minn utent li jallega kontravenzjoni ta' xi liġi jew deċiżjoni li l-Awtorità għandha l-jedd li tinforza, kull parti f'dik it-tilwima tista' tirreferi t-tilwima lill-Awtorità:

Iżda meta jkun qiegħed jagħmel dak l-ilment l-utent għandu *prima facie* juri li huwa jkun ġie affettwat mill-att jew mill-ommissjoni tal-persuna li jkollha l-awtorizzazzjoni li jkun għamel l-ilment dwarha.

(2) Meta ssirilha referenza bħal dik hawn qabel imsemmija, jew meta xort'oħra ssir taf b'xi tilwima bħal dik li l-Awtorità tkun tal-fehma li għandha tiġi investigata, l-Awtorità għandha tinnotifika lill-partijiet kollha fit-tilwima li l-kwistjoni tkun qegħda tiġi investigata. Meta tkun qegħda tagħmel dan l-Awtorità għandha tirregola l-proċedura tagħha, u dik il-proċedura għandha, sakemm ikun raġonevolment possibbli, tkun trasparenti, sempliċi, mhux kostuża u li twassal għal risolivment mgħaġġel u ġust tal-tilwima, u għandha tagħti lill-partijiet

kollha fit-tilwima opportunità raġonevoli biex ikunu jistgħu jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom u jġibu kull informazzjoni rilevanti:

Iżda l-Awtorità tista' tiddeċiedi li ma tibdiex investigazzjoni skond dan l-artikolu meta hija tkun sodisfatta li jkun hemm mezzi oħra ta' risolviment tat-tilwima b'mod opportun disponibbli għall-partijiet jew inkella jekk ikunu inbdew proċeduri legali dwar it-tilwima minn xi parti fit-tilwima.

(3) Meta l-Awtorità tkun qegħda tirrisolvi xi tilwima li tiġi lilha riferita taħt dan l-artikolu, hija tista' toħroġ direttivi lill-persuna li kontriha jkun sar l-ilment fejn titlob lil dik il-persuna tikkonforma ruħha ma' kull miżura li l-Awtorità tista' tispeċifika għar-risolviment tat-tilwima. Dawk id-direttivi jistgħu, fil-kuntest tar-risolviment tat-tilwima u ta' kull ħaġa oħra rilevanti, jinkludu ordni biex jingħata lura kull ħlas li jkun ġie riċevut jew biex jingħata ħlas b'kumpens. Dak il-ħlas jista' wkoll jinkludi l-ispejjeż kollha jew parti minnhom ta' xi parti talli tkun qabdet avukat u, jew konsulent tekniku dwar sottomissjonijiet li jsiru u li jkunu jirrigwardjaw it-tilwima.

(4) L-Awtorità għandha tagħmel pubblikament disponibbli kull regola ta' proċedura amministrattiva li hija tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi fir-rigward tat-trattament ta' tilwimiet li jiġu riferiti lilha taħt dan l-artikolu.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt li utent għandu li jista' jirrikorri għal xi korp ieħor biex jirrisolvi tilwim bħal dak.

(6) Meta tkun qegħda toħroġ deċiżjoni taħt dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tiddikjara xi jkunu l-motivi li din tkun bażata fuqhom, u għandha, bla ħsara għal dawk il-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali li hija tista' tqis li jkunu adatti, tinnotifika lill-partijiet fit-tilwima b'kopja tad-deċiżjoni.

(7) L-Awtorità għandha tippubblika avviż ta' deċiżjoni mogħtija taħt dan l-artikolu u għandha tindika minn fejn ikunu jistgħu jinkisbu kopji tad-deċiżjoni jew informazzjoni li jkollha x'taqsam magħha.

(8) Persuna tista', meta t-tilwima tkun tinvolvi persuni li jgawdu awtorizzazzjonijiet f'iżjed minn Stat Membru wieħed, titlob lill-Awtorità tikkoordina l-isforzi tagħha ma' xi awtorità regolatorja rilevanti oħra fi Stat Membru bil-għan li jintlaħaq risolviment tat-tilwima.".

Emenda ta' l-artikolu 45 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**47.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 45 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"Impjieg ta' membru jew uffiċjal ta' l-Awtorità wara li huwa ma jibqax f'dik il-kariga.

(2) Għal perjodu ta' sena wara li membru jew uffiċjal ta' l-Awtorità ma jibqax membru jew uffiċjal ta' l-Awtorità skond il-każ, dak il-membru jew uffiċjal m'għandu jaċċetta ebda kariga, konsulenza jew impjieg meta fl-eżekuzzjoni ta' dik il-kariga, konsulenza jew impjieg, il-membru jew uffiċjal ikun f'pożizzjoni li juża xi informazzjoni kunfidenzjali li huwa jkun kiseb fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att għad-detriment ta' l-Awtorità jew ta' l-impriżi regolati minnha, qabel ma jkun kiseb l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità m'għandhiex irraġonevolment tirrifjuta li tagħti l-awtorizzazzjoni:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet tagħha meta tirrifjuta li tagħti l-awtorizzazzjoni.

(3) Minkejja s-subartikolu (2), persuna li kienet membru jew uffiċjal ta' l-Awtorità m'għandhiex tkun prekluża milli -

(a) jkollha kariga, jew okkupazzjoni f'xi impjieg fis-servizz ċivili jew f'xi korp statutorju regolatorju, jew

(b) li taġixxi bħala konsulent ta' xi Ministru tal-Gvern, abbażi tal-fatt li l-perjodu msemmi f'dak is-subartikolu ma jkunx skada.

(4) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jista' jeħel multa amministrattiva li mgħandhiex tkun ta' iżjed mill-ammont ta' għaxart elef lira Maltija.

(5) Għall-fini ta' dan l-artikolu l-kliem "membru jew uffiċjal ta' l-Awtorità" tfisser i-*Chairman*, membri tal-Awtorità, id-Direttur Ġenerali, id-Diretturi u dawk l-uffiċjali l-oħra li l-Ministru, wara li jikkonsulta liċ-*Chairman*, iqis li jkunu uffiċjali responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet eżekuttivi fl-Awtorità li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien isemmi b'avviż fil-Gazzetta.".

Emenda ta' l-artikolu 49 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali.

**48.** Wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 49 kif enumerat mill-ġdid ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Kull dejn dovut lill-Awtorità skond dan l-artikolu jaqa' bi preskrizzjoni meta jiskadi l-perjodu ta' ħames snin mid-data meta d-dejn kien dovut.".

**49.** Id-disposizzjonijiet ta' l-Att għat Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2007 li Jemenda diversi Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni, għandhom jibqgħu japplikaw għar-rigward ta' kull ma sar jew naqas milli jsir minn xi persuna qabel dak il-bidu fis-seħħ tat-Taqsima IV ta' dak l-Att. Disposizzjoni transitorja.

## Taqsima VI

## Emenda ta' l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi.

**50.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi. Kap. 426.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni jista' jappunta b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk appuntati dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tagħha.

**51.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih qabel it-tifsira "provditur ta' servizz ta' ċertifikazzjoni ta' firma", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "provditur ta' servizz" tfisser persuna li tkun tipprovdi s-servizz ta' sojetà ta' informazzjoni;"u

(b) fit-tifsira "riċevitur", minflok il-kelma "riċevitur" għandhom jidħlu l-kliem "riċevitur tas-servizz"; u

(ċ) fit-tifsira tal-kliem "*data* ta' verifika ta' firma", il-kelma "privati" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "pubbliċi".

**52.** Minflok il-kelma "oriġinatur" kull fejn din tinsab fl-Att minbarra fit-Taqsima IV tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "provditur ta' servizz". Sostituzzjoni ġenerali fl-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**53.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 5 sa 15" għandhom jidħlu il-kliem "id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, minbarra dawk id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw il-firma ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni,".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**54.** Minflok l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Formazzjoni ta' kuntratt elettroniku.

10. (1) Kemm-il darba ma jkunx hemm qbil kuntrarju xort'oħra miftiehem mill-partijiet li ma jkunux konsumaturi, meta ir-riċevitur tas-servizz jagħmel l-ordni tiegħu b'mezzi elettroniċi:

(a) kuntratt elettroniku isir meta wara li jagħmel l-ordni tiegħu, ir-riċevitur tas-servizz ikun irċieva mingħand il-provditur tas-servizz rikonoxximent li jkun irċieva l-ordni li tkun saret mir-riċevitur:

Iżda il-provditur ta' servizz għandu jagħti r-rikonoxximent li jkun irċieva l-ordni li tkun saret mir-riċevitur mingħajr ebda dewmien u b'mezzi elettroniċi; u

(b) l-ordni li tkun saret mir-riċevitur u r-rikonoxximent li l-ordni tkun ġiet riċevuta jitqiesu li jkunu ġew riċevuti meta l-partijiet li jkunu ġew lilhom indirizzati ikollhom il-fakultà ta' aċċess għalihom.

(2) Kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra mill-partijiet li ma jkunux konsumaturi, il-provditur ta' servizz għandu jipprovdi lir-riċevitur tas-servizz b'mezz tekniku effettiv u aċċessibbli kif ikun jista' jidentifika u jsewwi żbalji ta' maniġġ u *input* u transazzjonijiet qabel ma jsir il-kuntratt.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(a) u tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal dawk il-kuntatti li jsiru esklużivament permezz tal-posta elettronika jew b'komunikazzjoni individwali ekwivalenti.".

Emenda tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**55.** Minflok il-paragrafu (k) tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(k) kuntratti regolati bid-dritt dwar il-familja.".

Disposizzjoni transitorja.

**56.** Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, kif fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-Att

ta' l-2007 li Jemenda diversi Liġijiet dwar il-Komunikazzjoni, għandhom jibqgħu japplikaw għar-rigward ta' kull ma sar jew naqas milli jsir minn xi persuna qabel il-bidu fis-seħħ tat-Taqsima V ta' dak l-Att.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 602 tat-12 ta' Diċembru, 2007.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*